# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-24 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nharit-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2016 fis-6.05 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**24/01** **Talba**

**24/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 23**

**24/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti Nru 23.

**24/03** **Punti mtella' mill-Minuti 23**

**24/03/01** **Para 23/03/02:** Kien hemm qbil li jinħareġ 40% tal-pagament tax-xogħol li ġie ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill skont rati tat-tender sottomessa wara li l-Perit ikun iċċertifika t-tests tat-tarmak etc.

**24/03/02** **Para 23/03/03:** Kien hemm diskussjoni fuq ix-xogħol tal-kuntattur tal-knis. Il-Kunsill mhux kuntent bil-livell ta' xogħol u għandhom jinħarġu default notices jekk ix-xogħol ma jitjiebx jew ma jsirx.

**24/03/03** **Para 23/03/05:** Għandha tintbagħat reminder lil MPT biex issir laqgħa dwar l-ipparkjar tal-karrozzi tal-linja fil-Pjazza. Gew diskussi ukoll ilmenti li dahlu dwar ċaqliq ta bus stops.

**24/03/04** **Para 23/03/06:** Sar ir-rapport mill-Perit tal-għassa u intbagħat lil GDP.

**24/03/05** **Para 23/03/07:** Il-Kunsill innota li intbagħtet l-applikazzjoni għall-fondi tal-UIF għall-Ġnien Ta' Żagħruna.

**24/03/06** **Para 23/03/09:** Ġie innutat li twaħħlet il-bozza l-ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn. Din trid tiġi mqabbda mill-Enemalta. Rigward il-bozza l-gdid fi Triq Zgharuna s-Sindku ikkonferma li l-Enemalta kienu ser jiehdu hsieb jaghmlu l-cable.

**24/03/07** **Para 23/03/10:** Ġie innutat li x-xogħol tat-toqob mid-Distetti għadu pendenti.

**24/03/08** **Para 23/03/12:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret il-junction box fi sqaq fi Triq Mons L Catania. Għandha titawwal biċċa oħra peress li dahlu xi ilmenti.

**24/03/09** **Para 23/03/13:** Għandu jsir follow-up fuq il-ħlas tal-boundary walls f'siti tal-bini.

**24/03/10** **Para 23/04/01:** Ġie deċiż li jsiru l-interviews għal post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju 2016 bejn l-4.00pm u s-6.00pm. Il-Bord għandu jikkonsisti mis-Sinjuri Giljan Aquilina, Mario Gauci u Carl Grech. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jkun is-Segretarju tal-Bord.

**24/03/11** **Para 23/04/02:** Għandha tinħareġ it-tender għal period contract għal xogħlijiet fit-toroq.

**24/03/12** **Para 23/05/05:** Saru t-tabelli fi Triq Fidel Zarb imma hemm xi żbalji zgħar biex jiġu rranġati.

**24/04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**24/04/01** Kien hemm qbil għal No Objection biex il-kuntrattur li qed jiżviluppa biċċa art fi Triq Stiefnu Zerafa jagħlaq il-plot bil-boundary wall.

**24/04/02** Kien hemm qbil li ssir kaxxa safra quddiem garage fi Triq Emmanuel Perren. Ġie innutat ukoll li sar it-tindif fi Sqaq il-Qiegħed.

**24/04/03** Ġie deċiż li tinħareġ is-sejha għal post vakant għal skrivan skala 15.

**24/04/04** Kien hemm qbil li ssir pjanċa fuq spral fi Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni formali biex issir l-ATM. Għandhom jinġabru l-istimi għal dawn ix-xogħlijiet.

Is-Sur Mark Azzopardi skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.50pm.

**24/04/05** Ġie innutat nuqqas ta' kundizzjonijiet mill-GreenMT li jinkludu ġbir ta' tessuti u vouchers lir-residenti.

**24/04/06** Kien hemm qbil li issir tabella “No Obstruction” fi Triq San Ġwann.

**24/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**24/05/01** Cas-1974-M4B7L7: Kien hemm qbil li ssir kaxxa safra quddiem garage fi Triq Fra Dumink Mifsud.

**24/05/02** Cas-20653-S6M9P6: Il-Kunsill innota talba biex isir resurfacing tal-parti ta' Triq L-Għaxqet l-Għajn fejn qatt ma sare. Din hija r-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali u ghalhekk ghandha issir talba lil TM.

**24/05/03** Kien hemm qbil li ssir sleeping policeman fi Triq Katerina Sammut kantuniera ma’ Triq Dimitri Farrugia. Kien hemm qbil li ssir wara konferma mar-residenti ta’ triq.

Is-Sur Mark Azzopardi reġa’ daħal għal-laqgħa fis-7.15pm.

**24/05/04** Cas-23971-N5J0Q2: Talba biex isiru linji sofor quddiem garage fi Triq Mattea Preti. Għandha ssir site visit.

**24/05/05** Cas-23987-C9G3Q4: Talba biex isiru linji sofor fi Triq San Ġwann. Għandha issir site visit sabiex jiġi ikkonfermat li dawn kienu diġà jezistu.

**24/05/06** Is-Sur Mario Gauci ressaq talba ta’ residenti sabiex isiru linji sofor fi Triq Gargallo kantuniera ma’ Triq San Ġwann quddiem garaxxijiet peress li minkejja li twahhlu tabelli ta’ No Parking xorta wahda qed isiru l-abbuzi. Ġie deċiż li ssir talba lil TM.

**24/05/07** Is-Sur Carl Grech talab biex tiċċaqlaq M/C bay fi Triq Caravvagio minħabba lmenti minn sid ta' garage. Ma kienx hemm qbil fuq din.

**24/05/08** Is-Sur Christopher Fenech talab biex isir fanal ġdid fi Triq Ferdinand. Kien hemm qbil. Tkellem ukoll fuq tabella fi Sqaq il-Ħofra li allegatament hija f'pożizzjoni ħażina. Ser ikellem lir-residenti halli jara jekk tistax tehel xi post iehor inkella tibqa fejn hi.

**24/05/09** Is-Sur Mark Azzopardi lmenta li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku qed jgħaddi tard. Gie innutat ukoll li kemm it-trakk kif ukoll il-haddiema qed spiss ikollhom l-arma tal-Kunsill tan-Naxxar waqt li jkun isir ġbir fir-rahal.

**24/06** ***Korrispondenza***

**24/06/01** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA fejn fost l-ohrajn gie approvat l-izvilupp ta farm tal-fniek fil-wied.

**24/06/02** Ġiet innutata Ċirkolari LCA 32/16 rigward Cense Competition.

**24/06/03** Ġiet innutata pubblikazzjoni ta' kotba ġodda dwar l-Ilsien Malti.

**24/06/04** Talba għal kjarifika kif jiġu assenjati M/C bays fit-toroq. Dawn isiru skont l-ispazju fit-toroq.

**24/06/05** Kien hemm diskussjoni għal talba għal ħlas fuq karozza meta allegatament waqa’ fanal fuq karozza. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettata din it-talba.

**24/06/06** Kien hemm diskussjoni għall-ittra mill-Avukati Bianchi rigward ħsara fuq karozza minn kulvert. Għandha ssir site visit fuq din qabel ma tintbagħat risposta u tintalab kopja tar-rapport tal-Pulizija.

**24/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**24/07/01** Is-Sur Christopher Fenech talab biex jinbidlu tabelli "No Heavy Vehicles". Kien hemm qbil fuq dawn. Talab ukoll biex teħel Information Panel mal-Kappella San Nikola. Għandha tinġabar stima. Kien hemm qbil ukoll li jitneħħew il-bins tar-reċiklaġġ minn Ġnien il-Paci.

**24/07/02** Kien hemm qbil li tinġabar stima għal bowser ilma kull ħmistax fis-Sajf biex ikun hemm tisqija addizzjonali. Għandha tinġabar stima għal din. Ġiet innutata wkola li l-Ħuġġieġa ta' San Ġwann thassret minħabba x-xita.

**24/07/03** Is-Sur Mark Azzopardi ta rendikont ta' spejjeż għall-kantanti u ż-żeffiena għall-attività ta' Jum il-Għargħur.

**24/07/04** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li l-Coffee Morning u l-ħarġa ta' Ġunju kienu ta' suċċess. Għandu jsir buffet breakfast għal Jum il-Għargħur.

**24/08** **Appovazzjoni tal-Pagamenti**

**24/08/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġiet approvata wkoll l-lista tal-petty cash.

**24/09** **Aġġornament**

**24/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |